MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-3 ta' April, 2003

Numru 269/2003

Il-Pulizija
(Spettur David Saliba)

vs

Anthony Gerada

Illum, 03 t'April, 2003.

Il-Qorti

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Anthony Gerada ta' 27 sena, iben Alfred u Julie xebba Sacco, imwieled Pieta' fil-15 ta' Novembru, 1975, u residenti 28, Sqaq San Mikiel, Zabbar, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 585575M.

Akkuzat talli fil-21 ta' Marzu, 2003, u fil-jiem ta' qabel matul il-gurnata, xjentement lqghajt ghandek jew xtrajt hwejjeg misruqa u cioe' kwantita' ta' ghodda li l-valur

taghhom jaccedi l-valur ta’ Lm100 izda anqas minn Lm1000, liema oggetti gew mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta jew xjentement, b’kull mod li jkun indhalt biex tbieghhom jew tmexxihom.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali sabiex din il-kawza tkun trattata u deciza bil-procedura sommarja skond l-Art. 307(4) tal-Kap 9.

Rat illi l-imputat irregistra n-nuqqas ta’ oggezzjoni tieghu sabiex il-kaz ikun trattat u deciz bl-istess procedura.

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat.

Semghet il-provi

Fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta’ l-akkuza kif dedotta kontra tieghu.

Rat l-art 334 tal-Kap 9

Ikkunsidrat illi wara li ezminat il-fedina penali tal-imputat u tenut kont tal-fatt illi l-oggetti mertu tal-kawza jammontaw ghal cirka Lm120. Piena karcerarja ghalhekk mhix indikata fil-kaz ta’ l-imputat. Tilliberrah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor sa zmien sitt xhur mill-lum skond l-artikolu 22 tal-Kap 446.

Il-Qorti spjegat l-obbligi ta’ l-imputat imposti bis-sahha ta’ din is-sentenza skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------